*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 47**

**It-Tnejn 13 ta' Frar 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**47.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija izda Dr Errol Cutajar infurmana li ser jidħol aktar tard.

**47.2.1** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa Nru 45 li saret Nhar il-Ħamis 29 ta' Dicembru 2022:</u>***

**47.2.1.1 Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

47.2.1.2 ***Matters Arising tal-laqgħa Nru 45 li saret Nhar il-Ħamis 29 ta' Diċembru 2022:***

47.2.1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din il-laqgħa kienet saret minħabba l-problema li kienet inqalat minħabba l-kuntratt il-ġdid ta' ġbir ta' skart fejn il-Kunsill kellu jdaħħal lill Avukat sabiex jgħinha nsolvu l-problema illi nħolqot li konna tlett Kunsilli Lokali li kellna din il-problema u ilħaqna ftehim mall-Kuntrattur li kellna qabel sabiex ntuh kumpens tad-danni u b'hekk din il-problema ssolviet b'mod legali u hemm anke ftehim iffirmat.

47.2.1.4 ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa Nru 46 li saret Nhar il-Tlieta 17 ta' Jannar 2023:</u>***

47.2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 46.2.2.4 il-ħames paragrafu u qal li għandha tinbidel u issir kif ġej:

*''Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li huwa kellu jkun jaf bix-xogħol li qed jagħmel Pierre peress li jaqa taħt id-dekasteru tiegħu.''*

47.2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 46.8.1 paragrafu 10 u qal illi mhux jifhem ezatt x'hemm miktub u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ikkoreġha u qal li għandha tigi emendata kif ġej:

''Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li l-izball li jsir huwa li l-Kunsill wara li jiġbed l-attenzjoni tal-Kuntrattur li xogħol mhux isir mhux qed japplika d-default notice.''

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fl-aħħar laqgħa li kellna l-Kunsill ma qalx li m'għandux jitħallas għaliex il-pagament kien approvat pero l-Contracts Manager ħareġ bl-ideja illi l-pagament ma jinħariġx qabel isir ix-xogħol u din qed tapplika ukoll għal dan ix-xahar anke jekk qed iħaddem ħafna ħaddiema peres li qiegħdin lura ħafna.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-laqgħa ma kinitx ittieħdet id-deċizzjoni li l-pagament ma jinħariġx għalhekk il-kuntrattur għandu dritt li jekk ma jitħallasx fi zmien 60 ġurnata dan jistgħa jfittex lill Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal lanqas jistgħa jippretendi li l-Kuntrattur jitħallas sempliċiment għax ipprezenta l-invoice u x-xogħol ma jkunx sar.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi la darba il-pagament għaddha mil laqgħa tal-Kunsill bl-approvazzjoni tal-Kunsilliera hemmhekk hemm l-obbligu li tħallas għalhekk tajjeb li id-deċizzjoni tkun ċara.

Kien hemm qbil li din id-deċizzjoni jieħduha fil-parti tal-pagamenti.

47.2.1.7 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkellmet fuq paġna 2 artiklu 46.2.2.3 u staqsiet fiex wasal il-ftehim dwar il-parkeġġ tal-iskola.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qiegħdin fil-fazi tal-iffirmar u ser jinfetaħ Nhar il-Ħamis li ġej.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk il-Kunsill huwiex mistieden għaliex hi ma rċiviet l-ebda stedina.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ġie infurmat permess ta' messaġġ fuq *whatsapp* u li infurmawh ukoll illi mhux ser ikun hemm midja.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi mhijiex kwistjoni ta' midja pero l-Kunsill għandu jkun infurmat.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma kienx hemm stedina uffiċjali izda min naħa tiegħu kien ser jghid lil Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri peres illi huma għandhom id-dekasteru tal-edukazzjoni pero ser isaqsi jekk jistgħax jattendi l-Kunsill kollu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja bgħat messaġġ dak il-ħin u rċieva lura illi l-Kunsilliera jistgħu jattendu għal dan l-iffirmar.

47.2.1.8 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq paġna 3 artiklu 46.2.2.4 għaliex kellha issir laqgħa u meta saret il-laqgħa mall-ġardinar pero kemm hi kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ma setggħux jattendu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tajjeb li huma jitkellmu mal-Contracts Manager kif ukoll mall-ġardinar kull meta tridu pero il-ġardinar li għandna ma jistgħax ilaħħaq mall-ġonna kollha pero min naħa tiegħu mhuwiex qed jidħol f'ċertu affarijiet li huma r-responsabilita' tal-projects manager dan għaliex la hu l-persuna li qed jieħu r-responsabilita' li jiffirma jew ma jiffirmax pagamenti għandu jkollu l-liberta li jaħdem kif jaħseb li l-aħjar hu.

47.2.1.9 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkellmet fuq paġna 4 artiklu 46.3.3 hi qalet illi hi talbet biex l-animal steward jibgħat ir-rapport tax-xogħol li sar fil-lokal.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser nerġgħu ninfurmawh sabiex jibgħatilna r-rapport.

47.2.1.10 Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi għada ser issir laqga mall-Ministeru tas-saħħa fuq il-kwistjoni li hemm minħabba l-flus li l-Kunsill qed jitlob li jiġiu rimborsat minħabba emendi li saru fuq il-klinika li telgħu għal €30 000 u hemm ċans li dan il-ftehim ma jintlaħaqx għalhekk jixtieq li jinforma lill Kunsilliera u jieħu anke feedback min naħa tagħhom. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi meta hu prova jitkellem magħhom u infurmhom kemm telgħat l-ispiza derhu li kienu xettiċi fuq dan u min naħa tiegħu għandu kollox imnizzel u jistgħu faċilment jaraw fiex intefqu l-flus. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-pjan hu illi minflok jgħatu l-kirja ta €7 000 fis-sena jgħatu kirja ta €10 000 fis-sena u s-somma ta' €30 000 tinqasam fuq għaxar snin.

47.2.1.11 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fuq paġna 2 artiklu 46.2.1.1 hu iltaqa mall-Perit u marru fuq il-post fejn hemm il-luzzu int u ġej min naħa taz-Zejtun u l-Perita għandha tagħmel disinn u ħa tara x'permessi hemm bzonn.

47.2.1.12 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 46.2.2.4 jekk sarx xi progress.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi progress sar.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi Triq id-Dahla ta' San Tumas qabel il-kisra fejn jibdew id-djar hemm ħafna ħaxix li jrid jinqata.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dik taqa taħt il-kuntrattur tan-Non Urban.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu qed jara ħafna mill konok qed jara li għadhom b'ħafna ħaxix ħazin.

**47.2.1.13** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 46.2.2.5 rigward l-iskip ta ħdejn il-BCRS ta' ħdejn il-knisja għaliex kien ingħata ultimatum u xtaq jara jekk kienx hemm xi update.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi li ġara hu li peres illi naqqasna l-iskips, li bdew jgħamlu n-nies kien illi kif isibu li l-BCRS mimlija bdew jitfawhom ma l-art, pero jumejn wara hu ftiehem mas-Sur Cleavon il-persuna li jbatal il-BIS u talbu biex iġibilna zewġ skips oħra. Waħda min ħdejn tal-Familja restaurant u l-oħra min Triq Għaxqet l-Għajn u li ġara ukoll li kull filgħodu dan qed jitnaddaf mill-kenniesa tagħna u sa issa mixjin u għalkemm hu rrabjat fuq is-sitwazzjoni jidher li l-affarijiet tjiebu ħafna u ma jħossx li għandna nagħlquha u l-kuntrattur xorta waħda qed jaħseb biex izid aktar magni u ħareġ ukoll li jaf ikun hemm servizz li jmorru fid-djar tan-nies anzjani sabiex joħdulhom l-flixken tal-plastik.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb inzommu għajnejna fuq is-sitwazzjoni.

**47.2.1.14** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq artiklu 46.2.2.9 paġna 4 qal illi kellu laqgħa importanti ħafna mad Direttur ġenerali tal-*Cleansing and maintenace division* fejn solvew ħafna affarijiet u bdew billi tkellmu fuq il-litter bins fejn dawn issa ġew fidejn il-Cleansing Department min ħdejn il-pixxiina sal bajja San tumas. Apparti min hekk ġibed l-attenzjoni tagħhom bil-problema li għandna bl-iskips tal-Bajja ta San Tumas u l-ispkips tneħħew u ġew imwaħħla l-cameras li ġew mgħotija lilna u għadna qed nistennew li jibdew jiffunzjonaw u jemmen li la darba dan isseħħ l-abbuz ser jieqaf. Is-Sindku qal illi ser ikollna anke *mechanical sweeper* għal fuq il-promenade min ħdejn is simenta sa ħdejn l-eks Jerma u jekk din tirnexxi hemm il-ħsib li tinġieb oħra. Hu qal illi biha din ma tistgħax titla fuq il-bankina u ser tkun qed titpoġġa ħdejn il-Kunsill fejn ser nikrejaw struttura tal-aluminium biex tkun protetta anke mil elementi.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk ser isir xi ħaġa fuq il-bini trid DNO mill PA u informa il-Kunsill kif anke il-bankijiet taz-Zonqor ġew imwaqqfa mit-Transport Malta. Is Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Perit kellha tkellem lil PA għaliex dawn il-bankijiet kienu ser jinbidlu min dawk tal-ħadid għal tal-ġebel u dawn kien hemm skop għalxiex saru minħabba il bugħaddasa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward il-ġbir ta' skart iħoss li mxejna ħafna għalkemm għad hawn x'jistgħa jsir u jemmen illi la darba jidħlu l-multi għal dawk li mhumiex isegwu l-istruzzjonijiet ser nimxu aktar il-quddiem. Is-Sindku qal illi meta jidħlulu l-ilmenti hu jgħaddihom dirett lill Kuntrattur u dan jgħamel min kollox biex jieħu ħsieb il-problema. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ġew infurmati ukoll li ser tinħareġ tender għall ġbir ta' skart tal-istabbilimenti fejn jidher li dawn ser jibdew iħallsu xi ħaġa tal-flus biex jinġabrilhom l-iskart pero sa issa qed jipprovdu dan is-servizz min naħa tal-Wasteserv.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi min naħa tiegħu innota illi kemm il-darba r-runner mal-kollettur taqalhom borza tal-iskart u tinfetaħ u dawn iħalluha warajhom u jaħseb li tajjeb niġbdulhom l-attenzjoni.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi anke kien hemm il-kwistjoni li beda jiġbor aktar kmieni mill-iskeda u dik ġiet irranġata ukoll.

**47.2.1.15** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi wara l-maltemp li għamel jaf kemm sar xogħol min naħa tal-Cleansing department pero kien hemm ilment illi f'San Tumas tefaw ġebel li sabu fil-baħar u tefawh fuq ir-ramel u dan mhux sew.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ftit taz-zmien ilu kien bagħat kuntrattur sabiex jitfa ir-ramel fejn sfronda in-naħa tal-Munxar fejn konna ser neħlu multa ta` € 22,000 minn naħa tal-ERA u għalhekk din id-darba min naħa tiegħu ġibed l-attenzjoni l-Infrastructure Malta Maritime Section ( Perit Janice Borg ) li kien hemm periklu u setgħu jweġġu n-nies. Mill-ewwel tpoġġew blokok biex jingħalaq l-aċċess. Il-Perit bla dewmien ikkomunikat mall-Era fejn għamlet rapport għall-approvazzjoni tagħha biex jibda x-xogħol u jitneħħa periklu. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi daħlulu ilmenti minn xi nies li għandhom kmamar il-Munxar illi kienu qed isibuha diffiċli sabiex itellaw xi ilma għat-tank taħhom għalhekk min naħa tiegħu ser jgħamel laqgħa magħhom flimkien mar-rapprezentanti tal-ERA biex jaraw x'jistgħa jsir.

**47.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 artiklu 46.2.2.7 staqsa meta ser isiru t-tabelli.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ordnati pero għadhom ma sarux.

**47.2.2.11** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq 46.3.2 staqsa jekk għaniex konferma li ser isir il-karnival fis-sajf f'Marsaskala.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Ministru Owen Bonnici kien tarraflu verbalment izda uffiċjalment ma għandna l-ebda konferma pero tajjeb niktbu l-Ministeru.

**47.2.2.12** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi xtaq isemmi illi min naħa tal-Cleansing Department qablu ukoll illi jsir qtugħ tal-ħaxix tal-madwar il-konok ta' max-Xatt u talbu li min naħa tal-Kunsill isiru tabelli sabiex navzaw lil dawk li jkunu ser jipparkjaw illi ser isir dan ix-xogħol u jekk jipparkjaw hemm riskju li tintlaqat il-karozza.

**47.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**47.3.1** **<u>Evaluators għal aġġudikazzjoni tat-tender:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi meta bdew bil-board ta' evalwazzjoni kienu bdew bi tlett evaluators fejn wieħed min dawn l-evaluators kien leħaq CEO fil-LESA cioe Svetlick Flores u allura kellna nbiddlu l-persuna pero l-persuna li nħatret wara kien cioe Kenneth Brincat leħaq f'pozizzjoni li ma setgħax ikompli fil-kariga ta' evaluator u issa għandna lill Accountant tal-Kunsill is-Sinjorina Doreen Calleja, l-Perit Kylie Borg Marks kif ukoll l-Assistent Prinċipal is-Sinjorina Chantel Zammit bħala evaluators kif ukoll ic-Charmain is Sur Josef Grech u l-Assistent Prinċipal is-Sinjorina Lucille Bonnici bħala Segretarja tal-board. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din l-informazzjoni ġiet rikjesta min naħa tal-Ministeru tal-agrikultura minħabba l-cofinancing ta' Ġnien Sant Anna.

Kull darba li jkun hemm bidla fil-bord ta' aġġudikazzjoni ser tibda titnizzel fil-minuti.

**47.3.2** **<u>Problema tad-drenaġġ tal-klabb tal-boċċi wara li nbena l-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi nqalgħet problema bid-drenaġġ fil-klabb tal-boċċi fejn meta l-Kunsill beda jibni l-ewwel sar il-piling fejn nzilna 3 sulari bih u wara saret suletta tal-konkos ħoxna biex ikolna pedamenti sodi u fil-proċess ta dan, il-house connection li kellu l-klabb tal-boċċi ġiet affettwata u ġiet inutata issa minħabba li nbidel is-sid tal-klabb u qabel ma kienx qed jopera. Is-sidien tal-klabb tal-boċċi qed ikollhom iġibu lil tal- Waste Water tas-spiss biex ibatlu u għalhekk il-Kunsill irid jirranġalhom il-ħsara li saret.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk ġietx ikkunsidrata biex il- connection issir lejn Triq Santa Tereza.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hemmhekk id-drenaġġ qiegħed għoli.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma hemmx bzonn li ngħaddu min ġol ġnien.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tkellmu ma Kuntrattur fejn dan mar il-waste water unit u ġab l-informazzjoni kollha fejn qal li fi Triq Santa Tereza illi apparti il medda hija aktar fil-għoli għaddej riser u ma tistgħax tgħaddi min ġo fih. Għalhekk l-unika opzjoni hi li ssir house connection li taqsam il-ġnien kollu u tiġi fi pjazza Dun Tarċis ftit qabel it-Trigon stationery. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-ispiza hija għolja pero l-Kunsill ser ikollu jqabbad lill kuntrattur tal-Kunsill wara li jaċċerta ruħu li l-kuntrattur tagħna huwa intiz f'dan ix-xogħol.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet kif ħadd ma nduna li kien hemm manhole qabel ma nbena l-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu diġa kellem lil Perit u l-Kuntrattur qed jezonora ruħu minn din is-sitwazzjoni.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi faċli għalih jezonora ruħu pero mbgħad jibgħat li jrid xi kumpens ta xi ħaġa oħra.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tista ukoll issir pompa pero jekk isirila l-ħsara wiehed jibda b `aktar problem.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi jekk il-pompa tkun tajba m'ghandix issirila ħsara.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jekk issir pompa trid issir cesspit kbira ħalli filkas li tieqaf il-pompa ma jibdiex ifur id-drenaġġ.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk issir pompa lanqas jaħseb li għandna nitilgħu fi Triq Santa Tereza.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hemm pompi li huma tajbin ħafna.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-istima li ingħatatlu kienet ta' madwar €16000 sabiex tgħaddi medda mill-ġnien kollu u teħel mal-mejn ta' Pjazza Dun Tarċiz.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fl-opinjoni tagħha għandna nirranġaw il-ħsara li qed isofri biha l-klabb tal-boċċi pero għandna niklaimjaw dan il-ħlas mill-kuntrattur li għamel ix-xogħol u li suppost kien jaf li hemm manhole.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi il-fossa trid tikber li tiflaħ erba tijiem kif ukoll ngħamlu pompa.

Kien hemm qbil dwar dan.

**47.3.3** **<u>Korrispondenza li rċevejna mingħand il-BAVA għat-talba tal-kumpens:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċivejna email min naħa tal-BAVA li nħarġet xi avviz legali illi jgħati l-kunsens sabiex kuntratturi li għamlu xogħol sa ċertu zmien wara li jkollhom l-approvazzjoni mill Contracting Authority dan ikun jista jġib il-kunsens sabiex japplikaw għal xi flus u bgħatulna kont ta €8,000 għal proġett tal ġnien.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-fondi tal-Ġnien ħarġu mill GAL XLOKK.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk dawn ser ifitxu b'mod legali, min naħa tagħna nistgħu nfitxxu lilhom minħabba id-dewmien tal-lift kif ukoll il-problema tad-drenaġġ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ma jistgħax jifhem bliema dritt jitlob dawn il-flus.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi apparentament ħarġet legal notice li ittihom dan il-poter.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tixtieq tara din il-legal notice.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi mhux jifhem għalxiex ħaqqu dawn il-flus.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi li jistgħa ġara hu li d-dipartiment tal-kuntratti ra li f'xi zmien kien hemm xi għoli fil-prezzijiet tas-suq u jistgħu jgħamlu din it-talba la darba tiġi endorsjata mill-Kunsill imbgħad tgħaddi lid-dipartiment tal-kuntratti jekk jaqbel id-Dipartiment iħallas il-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Errol Cutajar iċċekja l-A.L u informa lill-Kunsill li z-zmien stipolat fl-Avviz Legali kien laħaq għadda.

**47.3.4 <u>Xogħolijiet fi Triq iz-Zonqor:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellmu l-Perit Zerafa Boffa minħabba li ser jibdew xi xogħol in-naħa ta' Zonqor minħabba li hemm problema bid-dawl minħabba li l-pipijiet li ilhom hemm zmien dawn zviluppaw difetti u konna għamilna over head cable temporanju. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ġibed l-attenzjoni tal-Perit u spjegalu x'kien ġara u dan ikuntattjah anke minħabba l-fatt li bil-maltemp inqalgħet il-bankina ta' dik l-area u issa ġiet kwistjoni urġenti kellu jibgħat email lill Kunsill sabiex niltaqgħu miegħu fuq il-post.

Is Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm zewġ kwistjonijiet differenti illi x xogħol li kien ħa jsir fuq il-bankina kienu marru fuqha mall-Perit Zerafa Boffa kif ukoll is-Sur Alexander Caruana mill-public works kif ukoll id-DG u kien hemm ftehim li tinqala l-bankina min ħdejn il-gabbana tal-Pulziija sa ħdejn id-dar il-ħamra izda f'zewġ okkazzjonijiet differenti l-bankina tkissret u għalhekk awtomatikament il-Public works reġgħu irranġawa u wara l-maltempata li saret reġgħet tkissret u l-public works reġaw irranġawa. Is-Sibt is-Sindku qal illi kien hemm id-diskussjonijiet biex isiru l-wave breakers għalhekk tajjeb li niktbu lil Perit Janice Borg biex naraw fiex waslu dawn il-wave breakers.

Il-biza tagħha minn naħa tal-Perit Borġ kien li jaqbez xi ħadd fuqhom u jweġġa. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qalilha li hemm ma jgħumux nies.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi milli seta jidher hu li huma għandhom bzonn no objection min naħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu jħoss li l-wave breakers huma aktar importanti mill-posedonia li hemm fil-qiegħ tal-baħar u f'din iċ-ċirkostanzja la darba hemm id-djar u infrastruttura tat-triq għal din il-parti jekk tiġi biex tizen jippreferi li jsiru wave breakers anke jekk il-posedonia hija protetta.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri staqsa jekk il-wave breakers humiex ser ikunu ta uzu jekk il-baħar ikompli jgħola.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-iskop tagħhom hu li l-mewġ jitfarrak hu u dieħel, hu qal illi fejn qed nitkellmu it-Triq hija 2 metri il-fuq min sea level allura biex jitla daqshekk il-baħar irid jgħaddi ħafna zmien.

Kien hemm qbil li niltaqgħu mall-Perit Zerafa Boffa kif ukoll nibgħatu reminder lil Perit Janice Borg rigward il-wave breakers.

- **Is-Segretarju Ezekuttiv talab sospenzjoni tar-regolamenti sabiex ngħaddu għal item Nru 47.5**

**47.5 <u>Rapporti:</u>**

**47.5.1 <u>Rapport tal Kull Kwart (Settembru sa Dicembru 2022)</u>**

L-Accountant is-Sinjorina Doreen Calleja spjegat ir-rapport ta' kull kwart.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda s-Sindku s-Sur Mario Calleja. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**47.3.5 <u>Driver għal van tal-eletriku tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-van wasal biex issir id-delivery tiegħu u min naħa tagħna hemm bzonn li nwaħħlu fuqu l-istickers kemm bil-logo tal-Kunsill kif ukoll bil-logo tas-segretarjat.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa jekk hux ser ngħamlu logo tas-Saint Thomas living fuqu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk humiex ser jagħtuna driver min naħa tagħhom.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qiegħed f'diskussjonijijet magħhom fuq dan. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan il-van jistgħa jintuza l-aktar għad-day centre u anke għal xi residenti anzjani oħra.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-van l-aktar li għandu jintuza hu għar-residenti tal-Lokal.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fiċ-ċentru ta' matul il-jum jattendu mall-95 anzjan li l-maġġoranza tagħhom huma minn Wied il-Għajn.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ma tistgħax tħallat 95 ruħ mall-anzjani kollha li għandna fil-komunita' u primarjament applikajna għar-residenti tal-lokal u kien hemm il-ftehim li huma jtuna driver min naħa tagħhom u juzawh anke l-anzjani tal-home.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dan il-vann jaħdimx bl-elettriku.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon wieġbet fil-pozittiv.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb illi nsibu post addatat sabiex issir charging point.

Is-Sindku qal fid-daħla tal-Laundry fejn iċ-ċentru tal-ġurnata.

Is-Segretarju qal illi fil kunsill ta tasliema d-driver huwa l-isponsor tal-van u hemm ir-reklami fuq il-vann.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi importanti li jsir management agreement bejn il-Kunsill u d-dar tal-anzjani għaliex dan il-van huwa propjeta' tal-Kunsill u għandna ukoll l-immaniġjar tiegħu.

Kien hemm qbil li l-vann ikun imdawwar bil-logo tal-Kunsill, tas-Segretarjat kif ukoll bil-logo tad-dar tal-anzjani.

**47.3.6 PQ5954:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi sarulu sensila ta mistoqsijiet fuq it-toroq f'Marsaskala kien hemm fuq Triq la sengle li ġiet indirizzata kemm il-darba.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi din il-mistoqsija hija fuq il-pavimentar tax-Xatt.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef qal illi Infrastructure Malta kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex intuwom lista ta' toroq li hemm bzon jittranġaw u l-Kunsill kien ta' prijorita lil Triq La Sengle u hemm problema kbira għaliex trid tgħamel ħafna zmien magħluqa u trid titħaffer u tinbena mill-qiegħ għaliex it-triq qed tisfronda minn taħt.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jekk għandha issir triq għandha issir Triq La Sengle.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-PQ qed titkellem fuq Triq ix-Xatt u staqsiet jekk Triq ix-Xatt hijiex responsabilita' tal-Kunsill li issir għaliex jekk le l-PQ m'għandux jirrispondiha l-Kunsill.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal din konna tkellimniha diga li min ħdejn il knisja sa ħdejn l-Eks Jerma qed isiru studji biex isir xi proġett. Kien sar meeting fil-binja tal-Kunsill mal-MTA u Infrustracture Malta Maritime Section fejn kienu prezenti flimkien miegħi Il-Kunsillier is-Sur John Baptist u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud għax il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli kien inqabada xogħolu ġie diskuss proġett li hemm maħsub. Hawn fejn issemmiet għall-ewwel darba il-Project green. Fondi taħt il-Ministeru tal-Ministru Miriam Dalli.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi sa issa mill-informazzjoni li għandna dawn l-istudji waqgħu u mhu qed isir xejn fuqhom.

Is-Sindku qal illi din hija xi ħaġa oħra. *Design contest* li waqgħu. Li qed qed jisuġerixxu issa huma affarijiet oħra. Għalhekk Triq ix-Xatt hija zgur mhux f'idejn il-Kunsill.

Janice qalet illi min naħa taghha hi thoss li għandna nibgħatu lura li l ghandhom jaddu il mistoqsija taghhom lid dipartiment ikkonċernat għaliex il Kunsill m'għandux finanzi biex jirranga triq ix xatt.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi ma jistgħax jifhem għaliex din hija mistoqsija li ntbgħatet lill Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jaħseb li għandna nwieġbu illi għalkemm il-Kunsill jixtieq li Triq ix-Xatt tiġi irranġata dan hu xogħol li jrid isir fuq bazi ta' proġetti kapitali.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb ukoll li jieħdu ħsieb l-ilma li jitla meta jsir l-għarar jew meta jimla l-baħar.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi meta marret hi fuq il-post mall-Infrastructure Malta kif ukoll il-Public works qatt ma tlaħaq l-ebda ftehim għaliex dejjem hemm pika bejniethom u l-Kunsill dejjem jaqgħad fin-nofs.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal fil frattemp fuq Triq La Sengle tajjeb li nkellmu lill Kuntrattur tal-Kunsill forsi jgħamel xi ftit arranġamenti temporanji f'din it-triq.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi biex isir dan hemm spiza li tilħaq mall-€50 000.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk din suppost għandha issir min Infrastructure Malta għalxiex il-Kunsill ma jippressax lilhom.

**47.3.7 Waste reduction Awards Funds:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ikkuntattjawa min naħa tal-Wasteserv fejn infurmawha illi l-Kunsill għadu ma claimjax il-Waste Reduction Awards funds tas-sena 2020. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi din kienet l-inizjattiva fejn hi bl-għajnuna ta' nies oħra għamlu s-sodod tal-animali permess ta' tyres uzati.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fl-opinjoni tagħha la darba l-Kunsill jieħu l-fondi dawn il-fondi iridu jintuzaw sabiex iridu ngħatuhom f'kuntribut lil komunita staqsiet jekk nistgħux nixtru l-injam li għandu bzonn il-ħaddiem tal-etc biex ikun jistgħax jgħin billi jsiru djar tal-qtates.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu ta' l-ideja li isiru ftit minnhom u jsir monitoring fuqhom jekk naraw li qed jimxu tajjeb u qed jieħdu ħsiebhom umbgħad hemmhekk jistgħu jsiru oħrajn.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalewt illi nsitgħu nsibu area ex Ġnien Sant Anna u nkunu nistgħu ngħamlu villaġġ hemmhekk u nkunu nistgħu nimonitorjawhom.

**47.3.8 Traffic management f'Bella Vista:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk it-TM ġewx lura bi pjan għal dan it-traffic management li kellu jsir f'Bella Vista.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi aktar milli nistennew min TM il-Kunsill għandna nqabbdu l-Perit u tgħamel pjan hi u qal lil Viċi Sindku sabiex tfakkru fil-laqgħa li jmiss dwar dan għaliex bħalissa hemm ħafna xogħol xi jsir mill-Perit.

**47.3.9 Vouchers għal għajnuna fil-kontijiet tal-VET għal qtates stray:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fis-sedura li għaddiet qbilna li ngħatu vouchers ta' servizzi tan-neutering kif ukoll servizz ta vista mingħand il-vet u qed tistaqsi fiex wasalna bħala fondi u kemm nistgħu nallokaw għal dan il-proġett.

Kien hemm qbil unanimu li nallokaw is-somma ta' €3000 GĦAS-SENA 2023.

**47.3.10 Tyres fil-Bandli:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi batet xi emails fuq it-tyres li hemm fil-bandli biex jinbidlu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jistgħu jinbiddlu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tajjeb li jaqbdu u jinqalgħu anke jekk ma jitwaħħlux.

**47.3.11 Toilet ta' ħdejn il-venda:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi dan it-toilet dejjem qed ikun maħmuġ u jinten.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan irridu nkellmu lis-Sur Ivan Pierre Vella fuqu sabiex jinbidel. Kompla jgħid illi kien ilu jgħidlu minn Diċembru.

**47.3.12 Konok max-Xatt.**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk sarx xi ħaġa fuq dawn il-konok li kellu jitħawlilhom is-siġar fejn Pierre il-ġardiniera ssuġerixxa li jsiru Washingtonia pero hi kienet qalet li aħjar isiru siġar li jgħamlu l-fjuri.

Kien hemm qbil li issir laqgħa ma Pierre.

**47.3.13 Bus stop:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hemm bzonn li nkellmu min hu responsabbli mill-bus stops għaliex hemm dak ta Triq ix-Xatt qiegħed imkisser u ma l-art bil-maltemp li għamel.

Kien hemm qbil li nibgħatu lis-Sur Ivan Pierre Vella.

**47.3.14 Ħsarat f'tyre:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hemm residenta illi ilha tibgħat ir-rapporti tal-Pulizija minħabba ħsarat li ġarbet fil-lokal fejn dawn qatt mhu qed jgħaddu quddiem il-Kunsill.

Kien hemm qbil li nivverifikaw u jgħaddu fil-laqgħa li jmiss.

**47.3.15 Project Green:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet x'ġara wara li saret il-laqgħa li attendiet hi għaliha flimkien mas-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandna aktar niffukaw fuq it-tieni sejħa aktar milli fuq l-ewwel sejħa. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi wara li tkellem mall-Perit u mas-Sindku illi jekk ħa toħroġ it-tieni sejħa u toħroġ fl-istess parametri kif ħarġet l-ewwel waħda fejn kienet qed tefanziza li issir water retention fejn għal San Tumas ma tantx jgħamel sens għaliex is-siġar li hemm għandhom roots li għandhom bzonn ilma baħar u kapaċi toħodhom minnu issa. Li jsir reservior ma tantx tagħmel sens u ma tistax titfa fjuri għaliex jinħarqu iġifiri tajjeb li nkunu nafu ezatt fejn ser ngħamlu dan il-ġibjun.

**47.3.16 Reserved Parking:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar kemm hawn reserved parking fil-lokal għaliex qed tara li hawn ħafna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi min naħa ta' TM jibgħatulna u aħna bħala Kunsill ma nirrispondux u dak ikun ifisser li naqblu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjura Janice Falzon qalet illi għandna naraw li jkollna xi tip ta' kontroll lil min ngħatu dawn il-permessi. Hi qalet illi la darba l-kaz ikun ġust m'għandha l-ebda problema pero irridu namettu li hawn min jabbuza.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi la darba it-tabib jiċċertifika l-Kunsill m'għandu l-ebda konsultazzjoni.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi illum l-ġurnata mihjiex daqshekk faċli li inti tistaqsi fuq affarijiet ta` saħħa lil dawn ir-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu kellu l-kaz ta' ommu fejn dan huwa proċess illi fil-formola trid tikteb il-kundizzjoni tiegħek u jiċċertifika tabib u l-KNPD jipproċessawha u jaf ħafna nies li għandhom problemi kbar bħalissa u ma ngħatawx dan il-parkeġġ.

Il-Viċi Sindku s-Sinjura Janice Falzon qalet għalhekk qed tħoss li hemm abbuz għaliex hemm toroq li għandhom ħames reserved parkings fihom u għalhekk tixtieq li jkollna feedback fuq liema kriterji qed jingħataw dawn ir-reserved parking.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li nistgħu ngħamlu hu li nivverifikaw ma TM fuq xi parkeġġ li naraw li huwa suspettuz.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ġieli jingħataw dawn il-parkeġġ anke jekk il-persuna tista timxi u jekk ħa tistaqsi il-persuna tista tigdeb u tgħidlek li trid.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal ġieli jkun hemm bniedem li ġie nieqes u ma jinfurmawnix jew li jkunu marru f'post ieħor.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi nistgħu almenu nipprovaw nistaqsu biex jivverifikaw li min ikun miet jew mexa jitneħħa.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-applikazzjoni tkun jew għal tlett xhur jew għal sena u għalhekk dawn huma għandhom ineħħuwhom.

L-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi qed titkellem fuq dawk communal u ma tgħamilx sens li joħorġu ħamsa fl-istess triq allura f'dakl il-kaz tagħmlu personalizzat.

Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tibgħat informazzjoni fuq ċerti reserved parkings li jkunu jidru suspettuzi u l-Kunsill jistaqsi lil TM biex jivverifika.

- ***Il-Kunsillier Perit John Schembri ħareġ mil laqgħa fid-8:41pm.***

- Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi rigward suġġett 47.3.3 fejn hu qara il-*legal notice* u jider li talba saret fl 1 ta'Frar 2023 anke l-email li ntbgħatet lil Kunsill mingħand il-BAVA pero hemm mnizzel li li hemm ċans ta 6 xhur min meta dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ iġifiri t-talba saret wara li għalqu s-sitt xhur.

**47.3.17** <u>Laqgħa mal-Bolt:</u>

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ltaqa mar-rapprezentanti tal-BOLT u infurmawh illi qed jipprovaw jilħqu kompromess ma Kunsill oħra u sa issa ntlaħaq ma Kunsill wieħed biss u ħadu gost li aħna bħala Kunsill urejna interess hu qal illi ser jgħamlu xi ċrieki ma l-art mingħajr ma nieħdu parkeġġi u ser ikunu qed ituna il-lokazzjonijiet umbgħad nagħzlu aħna.

**47.3.18** <u>Laqgħa MFCC ta' Qali :</u>

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi f'din il-laqgħa ġew spjegati il-fondi ta' 2.2 biljun fejn il-kelliema kienu is-Segretarju Parlamentari Chris Bonnet, l-Ministru Silvio Schembri kif ukoll il-Prim Ministru fejn spjegaw illi dawn il-fondi ser jerġgħu ituhom lin-nies.

**47.3.19 Laqgħa mas-Sur Antonio Galli:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsilliera is-Sinjura Mary Rose Mifsud iltaqgħu ma stilista taljan is-Sur Antonio Galli fejn avviċinana u jixtieq jgħamel fashion show internazzjonali u xtaq li jsir ħdejn it-Torri San Tumas u jidher li x-xogħolijiet fuq it-torri ser jitlestew saz-zmien li għandu bzonn u ser tkun attivita' sabiħa ħafna u ser iġġib ħafna kummerċ fil-lokal hu qal illi din ser issir fit-28 t'April 2023.

**47.3.20 Laqgħa mall-Community Policing:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi bħal kull xahar kellu l-laqgħa mall-Community Policing. Is-Sindku qal illi iddiskutew temi relatati ma vetturi abbandunati, u rondi speċjali fejn hemm rimi ta' skart u vandalizmu.

**47.3.21 Laqgħa mal Għaqda Baħħara u Sajjieda:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi iddiskutew l-ipparkjar tal-karrijiet fis-sajf.

**47.3.22 Laqgħa ma Alena flimkien mall-Assistent Prinċipal Rebecca Micallef fuq il-proġett tal-Erasmus:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi saret laqgħa mas-Sinjura Alena rigward l-proġett tal-Erasmus f'Novembru. Ġejjin 12-il student u ser jintegraw fiz-zewġ skejjel tagħna. Kien involut il-Prinċipal is-Sur George Psaila.

**47.3.23 Laqgħa online mal-Ambaxxatriċi Maltija fil-Polonja:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellhom laqgħa mas-Sinjura Marisa Farrugia biex niffirmaw ftehim fuq Kultura u Edukazzjoni bejn Marsaskala u s-Sindku Tomaz Zrama ta`Oborniki fil-Polonja. Il-Kunsill mhux ser joħroġ ebda fondi. L-unika skop huwa li nkunu ta kuntatt għall-studenti li jiġu jagħmlu job experience f pajjizna. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan hu gwadan għall-ekonomija Skaliza fejn jidħlu akkomodazzjoni bħala parti mis-settur Turistiku kif ukoll ikel u xorb.

**47.3.24 Il-wasla tas-Sur Januz Cezary:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-Sur Cezary ġie jiltaqa ma' lukandiera u ristoranti biex għal xahar sħiħ iġib 21 student fejn dawn ser ikunu qed jgħatu servizz u kollox ikun mħallas mill-fondi tal-Ewropa taħt il-proġett Erasmus ukoll fejn apparti xogħol fit-turizmu hemm ukoll student tal-IT u kostruzzjoni.

**47.3.25 Laqgħa mas-Sinjura Liz Aquilina mill-MTA:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem mas-Sinjura Aquilina sabiex tgħina fix-xogħolijiet li nqalgħu wara l-Maltempata.

**47.3.26 Ġbir ta' ħwejjeġ għal vittmi tat-terremot fit-Turkija:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill kien involut sabiex inġabru xi ħwejjeġ u ikel għall vittmi tat-Turkija u s-Sirja. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan permezz ta' zewġ vannijiet offruti lilna voluntarjament minn Alex Cutajar tas-Summer Nights Pub & Grill kif ukoll minn FX garage. Inġabbru wkoll xirjiet fejn ġew irduppjati minn Alex Pace tal-Honey corner fejn hu stess ħadhom Ħal Far.

**47.3.27** **Laqgħa Ma Fr Jean Claude Attard:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi saret laqgħa ma Fr Jean Cluade Attard fejn wera xewqa tiegħu li jara l-Katakombi li hemm fi Triq il-Katakombi. Tkellimna mal-Ministru Bonnici fejn irreferina għand is-Sofretendanza tal-wirt storiku. Sar tentattativ biex Monday 20 ta' Frar niftħuh u nagħtu titwila.

Il-Viċi Sindku qalet illi hi kienet talbet ħafna drabi biex dan jinfetaħ għall Pubbliku.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal dakinhar min irid jistgħa jattendi pero dan ser jinfetaħ biex jaraw jekk hemmx periklu.

**47.4** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**47.5** **Rapporti:**

**47.5.1** Dan il-punt ġie diskuss aktar kmieni

**47.6** **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**47.7** **Korrispondenza:**

**47.7.1** **PA/00454/22 to construct two stables and one food store/tack room water reservior and cesspit Triq il-Blajjiet (35/0361/23/I) (35/0362/23/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-izviluppatur mhux jaqbel mad-deċizjoni tal-PA u tefagħha fil-bord tal-appell. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irridu noqgħodu attenti fuqa fejn hu ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ser jibqa jsostni l-pozizzjoni li ma jaqbilx ma din l-applikazzjoni u hekk ser tibqa l-pozizzjoni tal-Kunsill u dan ifisser li l-Kunsill ipparteċipa għal fini tal-liġi tal-bord tal-EPRT u dan għaliex l-owner tal-pompa qed jipprova jwaqqa l-appell tal-Kunsill minħabba li qed jgħid li l-Kunsill ma telgħax kull darba fil-bord tal-appell għaliex dawn jiltaqgħu kull xahar pero l-Kunsill ma joqgħodx jattendi kull xahar biex dejjem jirrepeti l-pozizzjoni tiegħu.

**47.7.2** **Att Direttur (Lands Authority):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fl-aħħar laqgħa li kellu l-Kunsill qabel il-laqgħa kienet saret laqgħa oħra ma Marsaskala Residents fejn kienu iddiskutew il-problema tal-imwejjed u siġġijiet fil-lokal u kienu talbu l-Kunsill sabiex jibgħat ittra lil Awtoritajiet ikkonċernati kif ukoll intellaw din l-ittra fuq il-paġna tal-Facebook u din għadha ma itellatx minħabba li l-Kunsill irid jaqbel jekk dan isirx, rigward l-ittra din intbgħatet u l-Kunsill irċieva risposta illi l-Kunsill jista ikollu kopja tal-encrochements għaliex il-Kunsill lanqas ikun ikkonsultat fuqha. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min naħa tiegħu hu irrisponda illi l-infurzar għandu jsir min naħa tagħhom għaliex il-permessi jinħarġu min naħa tagħhom.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi kien hemm zmien li min naħa tagħhom kienu jimmarkaw bi ċrieki mal-art li dawn ma baqgħux isiru. Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi dawn il-permessi jinħarġu minn fuq pjanta u tajjab li kieku l-Kunsill ikollu kopja ta x'permessi inħarġu u b'kemm footprint biex jekk ikollu xi ilment ikun jista jivverifika fuqu pero ir-rapport xorta irid isir lil Lands biex isir enforcement imma almenu ikollna aktar mirror image u l-Kunsill jaf x'inhuma l-boundaries ta' dawn l-imwejjed u siġġijiet.

Il -Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din l-issue qed tqum kull darba għaliex filli jkun hemm ħanut li jkollu tant imwejjed u siġġijiet mbgħad tibda tara li dejjem jizdiedu, hu qal illi għandu jkun hawn encrochement bħal ma hemm fil-Belt Valletta.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-ħazin hu ħazin pero jħoss li m'għaniex għalfejn noqgħodu nkissru dawn in-nies li finalment qed iħaddmu n-nies magħhom.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi jaqbel ma dan anke għaliex almenu f'Marsaskala m'għandniex imwejjed u siġġijiet fuq il-promenade.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech staqsa jekk hux ser jippublika l-ittra fuq facebook.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi għandna nistaqsu għal aktar informazzjoni kif diġa qal min naħa tal-Lands.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li jħoss li m'għaniex nagħmlu ħsara lil dawn in-nies.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi lanqas hu sew fuq dawk li jimxu mar-regoli u jħallsu ħafna flus sabiex ikollhom kollox kif suppost.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-ħazin dejjem jibqa ħazin.

47.7.3 **<u>Pagamenti tal-Milied Skaliz mis-servizzi provduti mis-Sur Brenton Gilford u Għaqda Muzikali Sant'Anna u għandhom jiġu mħalsa diretti mill-Ministeru:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandna zewg invoices fejn qed isir proċess biex jitħallsu min naħa tal-Ministeru.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Maryrose qalet illi kelmitom biex jiabtula ftit linji ta informazzjoni fuq kif ġew avviċinati mill-Kunsill Lokali Marsaskala fuqhom pero għadhom ma bgħatula xejn.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice falzon qalet illi dak iz zmien il-Kunsill kien jinsab fi stat finanzjarja ħazina u għalhekk pprovaw iġibu l-fondi min bnadi oħra.

- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq il-patching ta' bellavista.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kif diġa infurmah kien hemm xi disgwid mall-Kuntrattur u la darba jaqblu ikomplu bix-xogħol.

47.8 **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

47.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi waslulu pagamenti b'urġenza:

Progressive Solutions Ltd - Inv 41 -Cleaning and maintenance of gardens and soft areas during december 2022 - €4185.07 dan il-pagament ma kienx iċċertifikat u approvat għal ħlas mingħand il-contracts manager.

WM Environmental Ltd – Inv SS28 – Street sweeping Jan 23- €7063.77.

47.8.2 ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

47.9 **<u>Mozzjonijiet:</u>**

**47.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- s-Sur John B Camilleri (127 – 13/2/23):</u>**

"Jipproponi li wara il-maltemp li ħakem kullimkien, il-Kunsill Lokali immedjatament jibda jattwa pjan ta 'hot patching' ta' kwalita fit-toroq kollha. Patching għandu jsir fuq mod permanenti mhux dak ta' cold tarmac. Dan għas sempliċi raġuni li dan it-tali patching jinqala' malajr u mhux ta' kwalita."

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb nibdew ngħamlu xi ftit xogħol li hemm bzonn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hija ħela ta' flus li nipatchjaw għaliex huwa temporanju u tajjeb li l-perit tigwidana biex ngħamlu tarmac bil-hot tarmac kif suppost u kemm hemm bzonn dan biex il-Kunsill ma jaħlix flus.

Kien hemm qbil unanimu.

**42.10**

**<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2023 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 13 ta' Frar 2023.

| | |
|---|---|
| ***IFFIRMATA*** | ***IFFIRMATA*** |
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |